23 ta' April, 1945.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*;
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Victor Savona ne. *versus* Dr. Peter Asphar

**Ċitazzjoni — Kawżali — Nullità — Dikjarazzjoni — Lista tax-Xhieda — Art. 175 tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-liġi trid illi ċ-ċitazzjoni tesponi kjarament u b'ċertezza l-kawża tat-talba; u dan taħt pena tan-nullità taċ-ċitazzjoni. Imma bl-emendi li saru bis-saħħa ta' l-Ordinanza XXI ta' l-1934 u XXVIII ta' l-1935, li introduċew id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda maċ-ċitazzjoni, ma hemmx lok għal din in-nullità jekk il-kawżali ma tkunx ċara biżżejjed fiċ-ċitazzjoni imma tkun spjegata fid-dikjarazzjoni; għaliex id-dikjarazzjoni hija ħaġa waħda maċ-ċitazzjoni.*

*Imma apparti minn din l-emenda, lanqas hemm nullità taċ-ċitazzjoni jekk il-kawżali tkun indikata mingħajr tifsir dettaljat tal-fatti li fuqhom din il-kawżali tkun bażata.*

Il-Qorti. — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li biha l-attur, wara li ppremetta illi ħtija tal-konvenut l-imsemmi ibnu Victor, li kien taħt il-kura tal-konvenut, tilef riġlu u baqa' permanentement debilitat, talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu d-danni kollha, f'dak l-ammont li jiġi likwidat minn din il-Qorti, anki permezz ta' periti; b'riżerva ta' drittijiet oħra, bl-imgħax legali dekorribili, jekk ikun il-każ, min-notifika taċ-ċitazzjoni, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru, elevazzjoni, u impediment tal-partenza tad-9 ta' Awissu 1944;

*Omissis;*

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà tar-Re fid-9 ta' Jannar 1945, li biha giet respinta l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni, mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż, bid-dritt tar-reġistru kontra l-konvenut; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-attur għall-ewwel osserva illi dina l-eċċezzjoni ma hix ammissibili billi ma ġietx mogħtija fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet, u intant imissha ġiet sollevata "in limine litis", imma mbagħad iddikjara, fin-nota tiegħu fil-fol. 18 tal-proċess, illi ma jinsistix fuq l-inammissibilità tagħha billi l-konvenut issollevaha fit-trattazzjoni orali qabel kwalunkwe kontestazzjoni oħra, u għalhekk ma hemmx lok ta' pronunċjament fuq dan il-pont;

Fuq il-pont jekk iċ-ċitazzjoni hix nulla għar-raġuni fuq imsemmija, indikata fil-verbal fuq imsemmi;

Illi skond id-dispost ta' l-art. 175 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Civili ċ-ċitazzjoni għandha tesponi kjarament u b'ċertezza l-kawża tat-talba;

Illi fil-każ preżenti ġiet indikata l-"ħtija" tal-konvenut bħala kawża tat-talba, u għalhekk verament ma jistax jiġi ritenut illi fl-att taċ-ċitazzjoni hemm assoluta mankanza ta' indikazzjoni tal-"causa petendi"; imma jista' biss jingħad illi l-kawża hija vagament indikata, għaliex ma ġewx speċifikati l-fatti konkreti li kkaġunaw id-dannu u li fil-kommissjoni tagħhom tiġi ravviżata l-ħtija tal-konvenut. Fi kliem ieħor, il-kwistjoni ma hix dik li ċ-ċitazzjoni hija nulla minħabba nuqqas assolut ta' wieħed mill-estremi essenzjali illi l-liġi espressament tippreskrivi għar-rigward ta' l-att taċ-ċitazzjoni, fejn timponi illi dana l-att għandu jikkontjeni bi kjarezza u ċertezza mhux biss l-oġġett, imma anki l-kawża tat-talba, imma l-kwistjoni hija *inveċi dik ta' nullità* għaliex l-att jikkontjeni vjolazzjoni tal-forma stabbilita mil-liġi kif hija kontemplata fit-tielet inċiż ta' l-art. 799 ta' l-imsemmijin Liġijiet tal-Proċedura Civili;

Illi dina l-eċċezzjoni kienet tkun sewwa fondata fil-liġi qabel l-emendi li saru fil-liġijiet fuq imsemmijin bl-Ordinanza XXI ta' l-1934, u XXVIII ta' l-1935, għaliex il-formalita-

jiet rikjesti mill-imsemmi dispost ta' l-art. 175 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom bħala skop dak li jpoġġu l-konvenut fi grad li jkun jaf sewwa l-oġġett u l-kawża tat-talba kontra tiegħu fl-ewwel dehra quddiem il-Qorti;

Illi però, il-leġislatur, bl-Ordinanzi XXI ta' l-1934, u XXVIII ta' l-1935, emenda l-art. 175 fuq imsemmi tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fis-sens illi kull ċitazzjoni għandha tkun akkompanjata minn dikjarazzjoni ta' l-attur li tkun tikkontjeni menzjoni ċara u dettaljata tal-fatti tal-kawża u lista tax-xhieda li jkun irid iġib biex isostni dawk il-fattijiet; u ġie ritenut mill-Qrati tagħna illi dik d-dikjarazzjoni għandha tiġi kunsidrata ħaġa waħda maċ-ċitazzjoni; u ġie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell, fil-kawża "Mifsud vs. Fiorini" (Appell Ċivili, 19. 6. 38), illi meta l-leġislatur għamel l-imsemmija emenda, huwa kellu bħala skop illi l-parti avversa tkun informata qabel ma tiġi appuntata l-kawża mill-pretensjoni ta' l-attur u mill-estensjoni ta' dik il-pretensjoni, biex huwa jkun jista' jirrispondi fil-mod rikjest mill-art. 179 ta' l-imsemmijin liġijiet. Skop ieħor tal-leġislatur huwa dak illi l-Qorti, qabel it-trattazzjoni tal-kawża, ikollha preżenti l-kwistjonijiet kollha sabiex il-kawża tkun tista' tiġi trattata "to a conclusion" skond l-art. 221, emendat bl-imsemmija Ordinanza ta' l-1934;

Illi fid-dikjarazzjoni akkompanjanti ċ-ċitazzjoni, fil-każ preżenti, il-fattijiet konkreti li kkaġunaw id-dannu u saru bi ħtija tal-konvenut huma indikati ċari u dettaljatament, u għalhekk ġie soddisfatt il-vot tal-liġi li trid illi l-konvenut ikun in grad li jaf il-kawża tat-talba qabel l-ewwel dehra quddiem il-Qorti;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni, u huwa jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis*;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-appellant jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu tan-nullità taċ-ċitazzjoni fuq id-dispożizzjoni ta' l-ewwel paragrafu ta' l-art. 175 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jistabbilixxi li ċ-ċitazzjoni għandha tesponi b'mod ċar u żgur *l-oġġett u l-kawża tad-domanda*. L-appellant isostni li f'dan il-każ il-kawża tad-domanda ġiet esposta b'mod vag u mhux kif trid il-liġi, u għalhekk iċ-ċitazzjoni hija nulla;

Ikkunsidrat;

Illi fiċ-ċitazzjoni l-kawża tad-domanda tinsab espressa b'dan il-mod:— "Li bi ħtija tal-konvenut l-imsemmi ibnu Victor, li kien taħt il-kura tal-konvenut, tilef riglu u baqa' permanentement debilitat". L-appellant jippretendi li fiċ-ċitazzjoni messu ġie speċifikat f'hix tikkonsisti dik il-ħtija lilu attribwita, li *in konsegwenza tagħha qegħdin jiġu reklamati* d-danni;

Ikkunsidrat;

Illi l-pretensjoni ta' l-appellant ma tistax tiġi ammessa billi l-kawża tad-domanda tinsab espressa bil-mod li trid il-liġi fiċ-ċitazzjoni. Dik il-kawża hija l-allegata ħtija ta' l-appellant, li minħabba l-kura minnu preskritta u adoperata kien kaġun li t-tifel ta' l-appellat tilef riglu u baqa' permanentement debilitat. Għall-finijiet ta' l-imsemmija dispożizzjoni ta' l-art. 175 *tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-mod kif ġiet* espressa dik il-kawża huwa suffiċjenti, u ma kienx hemm bżonn li jiġu speċifikati l-fatti konkreti li minnhom tista' tiġi dedotta dik il-ħtija allegata. Din il-fehma tal-Qorti tinsab imsaħħa mis-sentenzi hawn taħt imsemmija mogħtija minn din l-istess Qorti, u li b'analoġija jistgħu jiġu applikati għall-każ in eżami:—

1. Bis-sentenza tat-30 ta' Jannar 1931, in re "Aquilina vs. Rizzo", wara li ġie stabbilit li l-liġi, taħt piena ta' nullità, trid l-espożizzjoni *ta' l-oġġett u tal-kawża tad-domanda*, ġie wkoll stabbilit li "la narrazione dei fatti non è di essenza, tanto che si può del tutto omettere o essere aggiunta in una scrittura annessa";

2. Bis-sentenza tal-24 ta' Jannar 1936 in re "Darmanin vs. Staines ne." ġie ritenut li hija ċara u sostenibili domanda

ghar-ritassa maghmula fis-sens li jigi ordnat lir-Registratur biex jaghmel tassazzjoni gdida, u ċ-ċitazzjoni mhix nulla, ghaliex ma gietx mitluba l-korrezzjoni tat-tassazzjoni ta' qabel, u ghaliex ma giex indikat il-motiv tal-korrezzjoni f'dik it-tassazzjoni preċedenti;

3. Bis-sentenza tad-19 ta' Frar 1937 in re "Antonio Ellul vs. Felice Ellul" gie ritenut li, mitluba d-dikjarazzjoni li l-konduzzjoni ta' fond kienet tmiss in komuni lill-attur u lill-konvenuti, il-mod kif dik il-komunjoni nholqot hija materja ta' prova u ma tikkostitwix il-kawża tad-domanda;

Ikkunsidrat;

Illi in bażi ghal dak li ntqal fuq u ghall-gurisprudenza ċitata, l-appell ma jistax jigi milqugh, u dan apparti l-fatt li fid-dikjarazzjoni akkompanjanti ċ-ċitazzjoni hemm indikazzjoni dettaljata tal-fatti li taw lok ghad-domanda bil-kawżali msemmija fiċ-ċitazzjoni;

Ghaldaqshekk;

Tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fid-9 ta' Jannar 1945; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.